# Ir-Raba' Ħadd tar-Randan

## Qari I

*David ikkonsagrat sultan ta' Iżrael.*

1 Sam 16, 1b.6-7.10-13a

**Qari mill-Ewwel Ktieb ta' Samwel**

F'dak iż-żmien, il-Mulej qal lil Samwel: [1]«Imla l-qarn biż-żejt u itlaq.
Jien se nibagħtek għand Ġesse l-Betlemita, għaliex minn fost uliedu
jien għażilt għalija sultan.»

[6]Ġara li malli wasal, Samwel ra lil Elijab u qal: «Hawn quddiem
il-Mulej il-midluk tiegħu?» [7]U l-Mulej qal lil Samwel: «Tħarisx lejn
is-sura tiegħu, jew it-tul ta' persuntu, għax jiena diġa' warrabtu.
Għax il-Mulej ma jarax bħalma jara l-bniedem, dak biss li jidher
fl-għajn, imma l-qalb.»

[10]Ġesse ressaq quddiem Samwel sebgħa minn uliedu; imma Samwel
qallu: «Il-Mulej ma ħatar lil ħadd minn dawn.» [11]U ssokta jgħidlu:
«Dawn huma t-tfal kollha?» Ġesse wieġbu: «Għad fadal iż-żgħir,
qiegħed jirgħa n-nagħaġ.» U Samwel qal lil Ġesse: «Ibgħat għalih
u ġibu, għax ma noqogħdux fuq il-mejda qabel ma jiġi hawn.» [12]U
bagħat għalih u ġiebu. Kien żagħżugħ ruxxan, għajnejh ħelwin, u
sabiħ fis-sura tiegħu. U l-Mulej qal lil Samwel: «Qum u idilku, għax
dan hu.» [13]Samwel ħa f'idejh il-qarn biż-żejt, u dilku quddiem ħutu.
Minn dak in-nhar 'il quddiem niżel fuq David u ħakmu l-ispirtu
tal-Mulej.

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Irroddu ħajr lil Alla

# Salm Responsorjali

Salm 22 (23), 1-3a.3b-4.5.6

R/. (1): Il-Mulej hu r-ragħaj tiegħi, xejn ma jonqosni

1 Il-Mulej hu r-ragħaj tiegħi,
xejn ma jonqosni;
2 f'mergħat kollha ħdura jqegħedni.
Ħdejn l-ilma, fejn nistrieħ, jeħodni;
3 hemm hu jrejjaqni. R/.

Imexxini fit-triq tas-sewwa
minħabba l-isem tiegħu.
4 Imqar jekk nimxi f'wied mudlam,
ma nibżax mill-ħsara, għax inti miegħi.
Il-ħatar tiegħek u l-għasluġ tiegħek,
huma jwennsuni. R/.

5 Int tħejji mejda għalija
quddiem l-għedewwa tiegħi.
Biż-żejt tidlikli rasi,
u l-kalċi tiegħi tfawwarli. R/.

6 Miegħi, iva, jimxu t-tjieba u l-ħniena
il-jiem kollha ta' ħajti.
U ngħammar f'dar il-Mulej
sakemm indum ħaj! R/.

# Qari II

*Qum mill-imwiet, ħa jiddi fuqek Kristu.*

Ef 5, 8-14

**Qari mill-Ittra ta' San Pawl Appostlu lill-Efesin**

Ħuti, [8]intom kontu darba dlam, imma issa intom dawl fil-Mulej;
għixu ta' wlied id-dawl li intom; [9]frott id-dawl jinsab f'kull ma hu
tjieba, f'kull ma hu ġustizzja, f'kull ma hu verità.

[10]Fittxu li tagħrfu dak li jogħġob lill-Mulej, [11]u tisseħbux fl-għemejjel
tad-dlam bla frott, imma ikxfuhom fil-beraħ. [12]Għax dak li qegħdin
jagħmlu huma fil-moħbi, tistħi mqar jekk issemmih; [13]imma meta
wieħed joħroġhom fil-beraħ, id-dawl juri kollox, [14]għax kull ma jidher
hu dawl; għalhekk jingħad: «Stenbaħ int, li int rieqed, u qum
mill-imwiet, ħa jiddi fuqek Kristu.»

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Irroddu ħajr lil Alla

# Akklamazzjoni qabel l-Evanġelju

Ara Ġw 8, 12

R/. Glorja u tifħir lilek, Kristu!
Jiena d-dawl tad-dinja,
jgħid il-Mulej;
min jiġi warajja jkollu d-dawl tal-ħajja.
R/. Glorja u tifħir lilek, Kristu!

# Evanġelju

*Mort, inħsilt, u ġejt nara.*

Ġw 9, 1-41

## Qari mill-Evanġelju skond San Ġwann

F'dak iż-żmien, [1]kif kien għaddej, Ġesù lemaħ raġel agħma minn
twelidu, [2]u d-dixxipli tiegħu staqsewh: «Rabbi, dan twieled agħma
għax dineb hu stess, jew għax dinbu l-ġenituri tiegħu?» [3]Ġesù
wieġeb: «Mhux għax dineb hu jew il-ġenituri tiegħu, imma ġralu
hekk biex l-għemil ta' Alla jidher fih. [4]Sakemm għadu bi nhar,
jeħtiġilna nagħmlu x-xogħol ta' dak li bagħatni, għax jasal il-lejl meta
ħadd ma jkun jista' jaħdem. [5]Sakemm għadni fid-dinja, jiena hu
d-dawl tad-dinja.»

[6]Kif qal dan, beżaq fl-art, għamel minnu qisu tajn, u dilek bih
għajnejn ir-raġel agħma [7]u qallu: «Mur inħasel fil-menqgħa ta'
Silwam.» Din tfisser "il-Mibgħut". Mela dak mar, inħasel u ġie jara.

[8]Il-ġirien u dawk li s-soltu kienu jarawh, għax hu kien tallab, qalu:
«Dan m'huwiex dak li kien joqgħod bilqiegħda jittallab?» [9]Xi wħud
qalu: «Iva, hu.» Oħrajn qalu: «Le, imma jixbhu.» Iżda hu qalilhom:
«Jiena hu.» [10]Qalulu: «Mela kif infetħulek għajnejk?» [11]Weġibhom:
«Wieħed raġel, jgħidulu Ġesù, għamel ftit tajn, dilikli għajnejja bih,
u qalli: "Mur fis-Silwam u nħasel hemm." Mort, inħsilt, u ġejt nara.»
[12]Qalulu: «Fejn huwa dan ir-raġel?» Qalilhom: «Ma nafx.»

[13]Lil dan il-bniedem li fl-imgħoddi kien agħma ħaduh għand
il-Fariżej. [14]Issa dak in-nhar li Ġesù għamel it-tajn u fetaħ għajnejn
l-agħma nzerta kien is-Sibt. [15]Il-Fariżej ukoll staqsew mill-ġdid
lill-agħma kif sar jara. U hu qalilhom: «Qegħedli ftit tajn fuq
għajnejja, mort ninħasel, u issa qiegħed nara.»

[16]Xi wħud mill-Fariżej qalu: «Dan il-bniedem m'huwiex ġej mingħand
Alla, għax ma jħarisx is-Sibt.» Iżda oħrajn qalu: «Kif jista' wieħed
midneb jagħmel sinjali bħal dawn?» U ma qablux bejniethom.
[17]U reġgħu qalu lill-agħma: «Int x'jidhirlek minnu, issa li fetaħlek
għajnejk?» Qalilhom: «Dak profeta.»

[18]Il-Lhud ma ridux jemmnu li hu kien agħma u ħa d-dawl qabel ma
bagħtu għall-ġenituri ta' dak li sar jara, [19]u staqsewhom: «Dan, li
intom qegħdin tgħidu li twieled agħma, dan binkom? Mela issa kif
ġie jara?» [20]Il-ġenituri tiegħu wieġbu u qalulhom: «Nafu li dan hu
t-tifel tagħna u li twieled agħma; [21]imma kif issa ġie jara, dan ma
nafuhx, u anqas ma nafu min fetaħlu għajnejh. Staqsu lilu: żmien
għandu, ħa jitkellem hu għalih innifsu.» [22]Il-ġenituri tiegħu wieġbu
hekk għaliex beżgħu mil-Lhud, għax il-Lhud kienu ġa ftiehmu
bejniethom li jekk xi ħadd jistqarr li Ġesù hu l-Messija, isib ruħu barra
mis-sinagoga. [23]Kien għalhekk li l-ġenituri wieġbu: «Żmien għandu,
staqsu lilu.»

[24]Għal darb'oħra reġgħu bagħtu għal dak li kien agħma u qalulu:
«Agħti glorja lil Alla! Aħna nafu li dan il-bniedem huwa midneb.»
[25]Dak weġibhom: «Jekk hux midneb ma nafx. Ħaġa waħda naf: li jien
kont agħma u issa qiegħed nara.» [26]Qalulu: «Imma hu x'għamillek?
Kif fetaħhomlok għajnejk?» [27]U hu weġibhom: «Ġa għedtilkom u
ma smajtux! Xi tridu tisimgħu iżjed? Jaqaw tridu intom ukoll issiru
dixxipli tiegħu?» [28]U qabdu jgħajruh u qalulu: «Dak int dixxiplu
tiegħu! Aħna ta' Mosè dixxipli! [29]Aħna nafu li lil Mosè kellmu Alla,
imma dan ma nafux minn fejn hu!» [30]Weġibhom ir-raġel u qalilhom:
«Sewwa! Hawn qiegħed l-għaġeb, li intom ma tafux minn fejn
inqala', u madankollu lili fetaħli għajnejja! [31]Aħna nafu li Alla mhux
se jisma' lill-midinbin; iżda mbagħad jekk wieħed ikun iqim lil Alla u
jagħmel ir-rieda tiegħu, lil dan jisimgħu. [32]Qatt fid-dinja ma nstema'

li xi ħadd fetaħ għajnejn wieħed agħma mit-twelid. [33]Li kieku dan
ma kienx ġej mingħand Alla, xejn ma kien ikollu ħila jagħmel.»
[34]Imbagħad qabżu u qalulu: «Int se tgħallem lilna, int li twelidt
dnubiet waħdek.» U keċċewh 'il barra.

[35]Ġesù sama' li keċċewh 'il barra; sabu u qallu: «Temmen inti f'Bin
il-bniedem?» [36]Dak wieġeb u qallu: «Min hu, Mulej, biex nemmen
fih?» [37]Qallu Ġesù: «Mhux biss rajtu, imma huwa dak stess li qiegħed
ikellmek.» [38]Qallu: «Nemmen, Mulej!» U nxteħet għarkubbtejh
quddiemu. [39]Imbagħad Ġesù qal: «Jien ġejt fid-dinja biex nagħmel
ħaqq, biex min ma jarax isir jara, u min jara jagħma.» [40]Xi wħud
mill-Fariżej li kienu hemm madwaru semgħuh jgħid dan u staqsewh:
«Aħna wkoll għomja?» [41]Weġibhom Ġesù: «Li kieku kontu għomja,
ma kontux tkunu ħatja ta' dnub. Imma issa qegħdin tgħidu: "Aħna
naraw," mela d-dnub tagħkom għadu fuqkom.»

**Il-Kelma tal-Mulej**
℟. Tifħir lilek Kristu

*Jew il-forma l-qasira*

## Evanġelju

***Mort, inħsilt, u ġejt nara.***

Ġw 9, 1.6-9.13-17.34-38

### ✠ Qari mill-Evanġelju skond San Ġwann

F'dak iż-żmien, [1]kif kien għaddej, Ġesù lemaħ raġel agħma minn
twelidu; [6]beżaq fl-art, għamel minnu qisu tajn, u dilek bih għajnejn
ir-raġel agħma [7]u qallu: «Mur inħasel fil-menqgħa ta' Silwam.» Din
tfisser "il-Mibgħut". Mela dak mar, inħasel u ġie jara. [8]Il-ġirien u dawk
li s-soltu kienu jarawh, għax hu kien tallab, qalu: «Dan m'huwiex dak
li kien joqgħod bilqiegħda jittallab?» [9]Xi wħud qalu: «Iva, hu.» Oħrajn
qalu: «Le, imma jixbhu.» Iżda hu qalilhom: «Jiena hu.»

[13]Lil dan il-bniedem li fl-imgħoddi kien agħma ħaduh għand il-Fariżej.
[14]Issa dak in-nhar li Ġesù għamel it-tajn u fetaħ għajnejn l-agħma nzerta
kien is-Sibt. [15]Il-Fariżej ukoll staqsew mill-ġdid lill-agħma kif sar jara.
U hu qalilhom: «Qegħedli ftit tajn fuq għajnejja, mort ninħasel, u issa
qiegħed nara.» [16]Xi wħud mill-Fariżej qalu: «Dan il-bniedem m'huwiex
ġej mingħand Alla, għax ma jħarisx is-Sibt.» Iżda oħrajn qalu: «Kif jista'
wieħed midneb jagħmel sinjali bħal dawn?» U ma qablux bejniethom.
[17]U reġgħu qalu lill-agħma: «Int x'jidhirlek minnu, issa li fetaħlek
għajnejk?» Qalilhom: «Dak profeta.» [34]Imbagħad qabżu u qalulu: «Int se
tgħallem lilna, int li twelidt dnubiet waħdek.» U keċċewh 'il barra.

[35]Ġesù sama' li keċċewh 'il barra; sabu u qallu: «Temmen inti f'Bin
il-bniedem?» [36]Dak wieġeb u qallu: «Min hu, Mulej, biex nemmen
fih?» [37]Qallu Ġesù: «Mhux biss rajtu, imma huwa dak stess li qiegħed
ikellmek.» [38]Qallu: «Nemmen, Mulej!» U nxteħet għarkubbtejh
quddiemu.

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Tifħir lilek Kristu